13 ta' Jannar, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ramiro Farrugia

**Approprjazzjoni Indebita — Kwerela — Rinunzja — Art. 308 u 539 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-reat ta' approprjazzjoni ndebita kwalifikata huwa persegwibili "ex officio", mingħajr ma hemm bżonn tal-kwerela privata.*

*Imma jekk il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' approprjazzjoni ndebita sempliċi, fejn l-azzjoni hija persekwibili bi kwerela privata, l-azzjoni oriġinarjament persekwibili "ex officio" tiddeġenera, in konsegwenza tas-sentenza, f'waħda persekwibili bi kwerela tal-parti leża.*

*Għaldaqstant, jekk dak l-imputat, hekk ikkundannat, jappella, u fis-sedi ta' l-appell tidher il-parti leża u tirrinunzja għall-kwerela, l-azzjoni kriminali hija perenta u l-imputat għandu jiġi liberat —kif ġara f'dan il-każ.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Novembru 1946, Farrugia ġie misjub ħati ta' approprjazzjoni indebita ta' somma ta' £13 bi ħsara ta' Joseph Chetcuti, u kundannat għall-piena ta' xahrejn lavori forzati;

Fuq l-appell tal-kundannat, din il-Qorti kkunsidrat;

F'din is-sedi deher l-imsemmi Joseph Chetcuti (ara fol. 21) u ddikjara li ma jridx sodisfazzjon mill-imputat, li jirrinunzja għall-kwerela, u li għal dak li jiddependi minnu ma jixtieqx illi l-proċeduri jitkomplew. Din ir-rinunzja ġiet aċċettata mill-imputat (fol. 22);

Inqalgħet, għalhekk, il-kwistjoni jekk l-istanza hijiex rinunzjabili;

Fir-rapport magħmul mill-Uffiċjal tal-Pulizija inkarikat

bil-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti ta' Isfel, Farrugia ġie imputat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita kwalifikata, għaliex ingħad illi s-somma approprjata kienet ġiet lilu fdata "minħabba l-professjoni tiegħu". Għalhekk, skond l-art. 308 Kap. 12, l-azzjoni kienet persekwibili "ex officio" u ma kienx hemm bżonn tal-kwerela ta' Chetcuti, li intant ġiet anki preżentata (fol. 4);

Meta l-attijiet marru għand l-Attorney General, peress li mil-provi deher illi s-somma ġiet, fil-fatt, fdata lil Farrugia "minħabba l-kummerċ tiegħu", għalhekk fir-rinviju ġie indikat l-art. 308 Kap. 12, li hu appuntu dak li jikkontempla l-approprjazzjoni indebita kwalifikata, persekwibili "ex officio";

Il-Maġistrat, però, għal xi raġuni li ma tantx tidher ċara, semma l-art. 307, li jikkontempla l-approprjazzjoni indebita sempliċi, u ma semmiex l-art. 308; u minbarra dan, fid-dikjarazzjoni ta' reità, inkorporata fil-konsiderando konklużjonali, ma semma xejn illi s-somma approprjata kienet ġiet fdata lil Farrugia minħabba l-kummerċ tiegħu;

Għalhekk il-Maġistrat ġie li rritjena lil Farrugia ħati ta' approprjazzjoni indebita sempliċi. Iċ-ċitazzjoni ta' l-art. 308 mill-Attorney General ċertament ma torbotx lill-Maġistrat (ara App. Krim. "Pulizija vs. Barbara", 2. 12. 39). Issa jekk il-Maġistrat għamelx tajjeb jew ħażin li eskluda l-aggravanti ta' l-affidament għar-raġuni tal-kummerċ, li ġġib l-approprjazzjoni indebita kwalifikata, hija kwistjoni oħra, li teżorbita mis-sindakat ta' din il-Qorti, ġa la darba l-appell hu ta' l-imputat;

Għalhekk ġara dan. L-azzjoni, oriġinarjament persekwibili "ex officio", iddeġenerat, in konsegwenza tas-sentenza, f'waħda persekwibili bi kwerela tal-parti leża. Dan ma hux il-każ fejn l-azzjoni tkun oriġinarjament tal-privat, u mbagħad issir persekwibili "ex officio" taħt xi każ minn dawk kontemplati fl-art. 385, fil-proviso tiegħu — f'liema ipotesi l-privat bir-rinunzja tiegħu ma jistax jipparalizza l-azzjoni li tkun saret tal-Pulizija (ara App. Krim. "Pulizija vs. Baldacchino", 17 ta' Frar 1945). Il-każ hu l-kontra: l-azzjoni kienet tal-Pulizija, iżda s-sentenza sabitu ħati ta' reat li hu persekwibili bi kwerela tal-parti, u l-parti rrinunzjat (ara

380 (2), li jaghmel riferenza ghall-art. 415 (2) Kap. 12);

Ghalhekk f'dan il-każ ir-rinunzja ghall-istanza ipperimiet l-azzjoni (art. 539 Kap. 12);

Konsegwentement il-Qorti tipprovvedi fuq l-appell billi tiddikjara li, stante r-rinunzja tal-parti leża, aċċettata mill-imputat, l-azzjoni ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita sempliċi ma hix aktar persekwibbli, u ghalhekk tiddikjara lill-appellant mehlus u tordna li jiġi liberat.